MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 710/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri u Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Gesmar Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gesmar Scicluna, ta` 50 sena nazzjonalita' Maltija, mwieled Hal-Tarxien nhar is-17 ta' Marzu, 1963, iben Alfred u Vincenza xebba Mercieca, detenitur tal-karta ta' l-identita numru 258263 M, residenti 22, Juvecentus, Triq tal-Plier, Haz-Zabbar;

Akkuzat talli fir-Residenza San Vincenz de Paule, nhar id-29 ta’ Lulju, 2013 fil-ghaxija,

Wettaq attentat vjolenti ghall-pudur ta’ Maria Anna Camilleri, anzjana ta’ 86 sena u wkoll persuna li tigi minnu bi zwieg u wkoll persuna li ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni indipendenti mill-eghmil tal-hati inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li l-hati jkun inqeda bihom;

Offendejt il-pudur jew il-morali, b’ eghmil li sar f’ lok pubbliku jew f’ lok espost ghal pubbliku.

Rat il-Ligi;

Rat l-Artikoli 207 u 202 tal-Kap. 9;

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-akkuzat;

Rat il-gravita` ta’ l-akkuzi u rat ir-rapport dettaljat u stjdjat tal-Probation Officer Joseph Mizzi imqabbad minn dina l-Qorti sabiex ihejji *“pre sentencing report”* ;

Rat il-konkluzzjonijiet ta’ l-istess Probation Officer;

Semghet lill-partijiet jitrattaw dwar il-piena tal-kaz;

Tosserva illi l-kaz odjern huwa wiehed serju li jisthoqqlu li jigi punit kif misthoqq izda, tenut kont li l-eta` ta’ l-akkuzat u tal-fedina netta ta` l-istess akkuzat, il-Qorti thoss li aktar ikun idoneu li l-akkuzat jigi moghti l-opportunita` jirriforma ruhu filwaqt illi l-hajja personali tieghu ma tigix daqstant mifxula;

Il-Qorti ghalhekk issib lill-akkuzat hat ital-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dan ai tenur ta’ l-Art. 28 A u 28 G, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena (1), sospizi ghal erbgha (4) snin u tordna illi ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin, l-akkuzat jitqieghed taht is-supervizzjoni ta’ ufficcjal sorveljanti ghal perjodu kollu u, filwaqt li ghandu jiltaqa mieghu kull tlett xhur jew perjodu iehor li jidhrilu

xieraq l-ufficcjal ta’ supervizjoni, ghandu jsegwi l-ordnijiet kollha tieghu, inkluz illi jattendi ghal laqghat regolari ma psikjatra u ma professjonisti ohra li jkun hemm bzonn li jiegdu hsieb ghal kura tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------